

Brussell, 14 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12183/16

CADREFIN 58
POLGEN 100
FIN 552

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 603 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 Baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 603 final.

Mehmuż: COM(2016) 603 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 603 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020

Baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati

{SWD(2016) 299 final}

1. INTRODUZZJONI

L-UE qed tiffaċċja sensiela ta' sfidi sinifikanti fit-tul: it-tisħiħ tal-ekonomija tal-Ewropa u n-nisġa soċjali; l-iżgurar ta' sigurtà fi ħdan l-UE u fil-fruntieri esterni tagħha; l-immaniġġar tal-migrazzjoni; u l-indirizzar tal-kawżi u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi u oħrajn jeħtieġ politiki u strateġiji komprensivi għal perjodu medju u twil, sostnuti b'appoġġ finanzjarju adegwat kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni jipprovdi prevedibbiltà fiż-żmien medju essenzjali għall-appoġġ ta' investiment fil-prijoritajiet tal-Ewropa. Madankollu, fil-kuntest attwali ta' diversi kriżijiet, jeħtieġ ukoll li jkun jista' jaġġusta malajr għal tibdil fil-prijoritajiet u avvenimenti mhux previsti u li jwassal riżultati malajr fuq il-post. Dan sar b'suċċess fit-twaqqif tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) skont il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u li tqiegħed għad-dispożizzjoni finanzjament għal miżuri li jindirizzaw sfidi urġenti tal-migrazzjoni, tar-refuġjati u tas-sigurtà.

Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2014-2020 ġie miftiehem fl-2013 fl-isfond tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u ta' pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi f'hafta Stati Membri. Konsegwentement, il-QFP qiegħed enfasi qawwija fuq l-investiment f'oqsma ta' valur miżjud tal-UE biex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir. Il-QFP saħħaħ ukoll ir-rabta bejn il-baġit tal-UE u riformi essenzjali amministrattivi u strutturali fl-Istati Membri billi jiġu introdotti kundizzjonalitajiet b'saħħithom. Huwa introduċa approċċ ibbażat fuq iktar prestazzjoni fl-ibbaġitjar u mekkaniżmi ta' twassil simplifikati sabiex jinkisbu riżultati malajr. Teknoloġiji innovattivi u strumenti saħħew il-kapaċità tal-baġit tal-UE biex ikun kapaċi jirreaġixxi għal sfidi ġodda u biex jintużaw il-fondi pubbliċi u privati.

Il-Kummissjoni li bdiet il-mandat f'Novembru 2014 saħħet dan il-qafas bit-tnedija b'suċċess tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li huwa appoġġat mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS). Barra minn hekk, l-inizjattiva għal *Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati* (BFFR) se tiżgura li r-riżorsi jkun allokat għal prijoritajiet u li kull azzjoni tagħti prestazzjoni għolja u valur miżjud. L-inizjattiva BFFR għandha l-għan li tindirizza erba' mistoqsijiet ewlenin¹:

1. Fejn tonfoq il-flus tal-UE — kif jista' jinkiseb valur miżjud għoli tal-UE?
2. Kif tonfoq il-flus tal-UE — kif tikseb aktar minn kull euro li jintefaq mill-baġit tal-UE?
3. Kif tista' l-prestazzjoni tal-baġit tal-UE tiġi evalwata b'mod adegwat?
4. U kif tikkomunika dwar il-baġit tal-UE — kif tispjega aħjar liċ-ċittadini dak li l-baġit tal-UE jikseb?

¹ http://ec.europa.eu/budget/budget4results/index_en.cfm.

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament QFP², il-Kummissjoni qiegħda b'dan tippreżenta rieżami ta' nofs it-terminu tal-funzjonament tal-QFP, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku u usa'. Dan jirrivedi l-aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali sa mill-2014. Dan il-perjodu kien ikkaratterizzat kemm minn sforzi għall-promozzjoni tal-irkupru ekonomiku u l-imperattivi urġenti biex wieħed jirrispondi għall-kriżi tar-refuġjati u theddid għas-sigurtà.

Flimkien maż-żieda ta' appropjazzjonijiet proposta skont l-Abbozz ta' Baġit 2017, prinċipalment għall-migrazzjoni, u l-allokazzjonijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-aġġustament tekniku tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-pakkett finanzjarju jipproponi madwar EUR 13-il biljun ta' finanzjament addizzjonali tal-UE fl-2020-2017 għall-impjiegi u t-tkabbir, il-migrazzjoni u s-sigurtà finanzjarja (ara l-anness finanzjarju).

Il-flussi migratorji mingħajr preċedent fl-2015 u l-attakki terroristiċi ripetuti fl-Ewropa u madwar id-dinja talbu li jkun hemm rispons Ewropew b'saħħtu u fil-pront, li jiġbor mezzu ġodda leġislativi, operazzjonali u finanzjarji. Bħala element ċentrali ta' din il-kaxxa tal-għodda, il-baġit tal-UE wera flessibbiltà konsiderevoli fl-orjentazzjoni mill-ġdid u li jkun disponibbli mezzu addizzjonali fil-baġit innifsu u fil-mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri u donaturi oħra. Madankollu din il-flessibbiltà qed toqrob lejn il-limiti tal-qafas attwali.

Hekk kif l-isfidi tal-migrazzjoni u s-sigurtà huma ankrati mal-iżviluppi ġeopolitiċi u soċjali li jeħtieġ li jiġu indirizzati fuq medda twila ta' żmien, il-baġit tal-UE għandu jiżviluppa iktar il-ħila li jappoġġa l-ġestjoni tal-flussi migratorji u l-protezzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati u li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni. Dan huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-pakkett ta' proposti leġislativi li jakkumpanja dan ir-rieżami u li għandu l-għan li jipprovdi mezzu finanzjarji addizzjonali għall-migrazzjoni u s-sigurtà fi ħdan il-QFP preżenti u lejn it-tisħiħ ulterjuri ta' din tal-aħħar ta' flessibbiltà fit-trattament ta' ċirkostanzi mhux previsti.

Għaldaqstant, huwa propost li jiġi emendat ir-Regolament dwar il-QFP biex tizzied aktar il-kapaċità tal-Istrument ta' Flessibbiltà u r-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza u biex ineħħu għadd ta' restrizzjonijiet li jillimitaw l-effikaċja tal-istrumenti li tippermetti l-użu mill-ġdid ta' margnijiet³ li tħallew disponibbli minn snin finanzjarji preċedenti. Barra minn hekk, huwa propost li tinholq Riżerva ta' Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea biex tiffinanzja r-rispons għall-kriżijiet, bħalma huma l-kriżi attwali tal-migrazzjoni, kif ukoll avvenimenti b'implikazzjonijiet ta' sigurtà u umanitarji serji. Din ir-riżerva se tkun iffinanzjata minn appropjazzjonijiet diżimpenjati minn intestaturi tal-QFP⁴. Mhix ser iżżid il-limiti massimi globali għall-impenji u l-pagamenti fil-qafas finanzjarju pluriennali miftiehem.

It-tnaqqis tad-differenza fl-investiment minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika kif ukoll il-promozzjoni tal-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi għaż-żgħażagħ, jibqa' sfida ewlenija għall-Unjoni. Ibbażata fuq l-implimentazzjoni s'issa, il-

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, COM(2016) 311, 30.6.2016.

³ Marġni Globali għall-Impenji u l-Marġni Globali għall-Pagamenti.

⁴ L-istimi attwali jindikaw EUR 3 sa 4 biljuni kull sena.

Kummissjoni identifikat għadd ta' programmi u strumenti ta' suċċess u li hi tipproponi li jissaħħu b'mezzi finanzjarji addizzjonali. Dan jinkludi b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll Orizzont 2020⁵, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa⁶, Erasmus+⁷, COSME⁸ u l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ.

Il-finanzjament tal-UE għandu effett ta' ingranaġġ qawwi fuq l-Istati Membri u l-investimenti privati. Dan huwa rilevanti wkoll fl-era diġitali — waħda mill-10 prijoritajiet ewlenin ta' din il-Kummissjoni — fejn il-ħtiġijiet ta' investiment marbuta ma' informatika ta' prestazzjoni għolja, iċ-ċibersigurtà, il-ħiliet diġitali u l-konnettività ġew identifikati. Il-Kummissjoni se tħares ukoll lejn modi biex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet ta' investiment permezz ta' ġbir ta' fondi tal-UE, nazzjonali u privati.

It-titjib tal-prestazzjoni baġitarja biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-UE jeħtieġ mhux biss mezz finanzjarji xierqa iżda wkoll mekkaniżmi ta' twassil kosteffikaċi. F'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni evalwat kif il-miżuri mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE introdotti taħt il-leġiżlazzjoni preżenti kienu jaħdmu fil-prattika u identifikat lok għal titjib ulterjuri. Fuq din il-bażi, qed tressaq flimkien ma' dan ir-Rieżami, reviżjoni ambizzjuża tar-regoli finanzjarji ġenerali akkumpanjati minn tibdil korrispondenti tar-regoli finanzjarji settorjali.

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu jellabora aktar fuq l-aspetti kollha ttrattati minn din il-Komunikazzjoni. Din tinkludi wkoll tbassir tal-pagamenti fuq terminu ta' żmien medju, li jipprovdi tbassir tal-ħtiġijiet ta' pagament sal-2020, filwaqt li jitqiesu l-proposti li jakkumpanjaw dan ir-Rieżami. Jikkonkludi li l-massimu ta' pagament se jkun suffiċjenti biss: wara l-akkumulazzjoni ta' arretrati mingħajr preċedent fl-2014, id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej iħalli margniet ta' pagamenti kbar fl-2016 u l-2017 qabel ma l-ħtiġijiet tal-pagament jiżdiedu sew lejn tmien il-perjodu⁹.

Ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu hu akkumpanjat mill-proposti leġiżlattivi li ġejjin:

- Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2015/623 tal-21 ta' April 2015¹⁰ u aġġustament korrispondenti tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina

⁵ Orizzont 2020 huwa l-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-UE għall-2014-2020

⁶ Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) huwa l-istrument ta' finanzjament tal-UE biex jappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali.

⁷ Erasmus+ huwa l-programm tal-UE biex jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport fl-Ewropa, li jipprovdi opportunitajiet għal aktar minn 4 miljun Ewropew biex jistudjaw, jitħarrġu, jakkwistaw esperjenza u voluntiera barra minn pajjiżhom.

⁸ COSME huwa l-programm tal-UE għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju.

⁹ Abbażi ta' dan it-tbassir, il-Kummissjoni tipproponi li d-deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' kontinġenza jiġi emendat sabiex ikun ikkumpensat aktar kmieni milli kien mistenni l-EUR 2,8 biljun tal-marġni ta' kontinġenza mobilizzati fl-2014 u biex tikkonferma li l-pagamenti relatati ma' strumenti speċjali huma mdaħħla fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi.

¹⁰ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884, u ĠU L 103, 22.4.2015, p. 1.

baġitarja, dwar kooperazzjoni u kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹¹;

- Proposta li temenda d-Deċiżjoni Nru 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontingenza¹²;
- Proposta biex tissimplifika r-regoli finanzjarji skont ir-Regolament Finanzjarju u l-atti bażiċi rilevanti¹³;
- Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-FEIS (2015/1017) bl-għan li testendi l-FEIS¹⁴;
- Skont il-Pjan ta' Investiment Estern: proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u li jistabbilixxi Garanzija EFSD u Fond ta' Garanzija EFSD¹⁵; proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni¹⁶; u proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea¹⁷.
- Skont il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fir-rigward tal-promozzjoni ta' konnettività tal-Internet f'komunitajiet lokali¹⁸.

Il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill u lill-Parlament biex jiżguraw l-adozzjoni rapida ta' dawn il-proposti u l-finanzjament tagħhom.

2. IL-QFP F'NOFS IT-TERMINU: STAT TA' IMPLIMENTAZZJONI U SFIDI ĠODDA

Tneħħija tal-pagamenti pendenti

Il-livell insuffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2014 haġb ma' ħtiġijiet ta' pagamenti għoljin akkumulati minħabba ċ-ċiklu ta'

¹¹ COM(2016)604 tal-14.09.2016, u COM(2016)606 tal-14.09.2016.

¹² COM(2016)607, tal-14.09.2016.

¹³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1299/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [COM(2016) tal-14.09.2016].

¹⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 2015/1017 dwar l-estensjoni tad-durata ta' żmien tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u Ċentru ta' Konsulenza Ewropew għall-Investiment [COM(2016)597, tal-14.09.2016].

¹⁵ COM(2016)586, tal-14.09.2016.

¹⁶ COM(2016)582, tal-14.09.2016.

¹⁷ COM(2016)583, tal-14.09.2016.

¹⁸ COM(2016)589, tal-14.09.2016.

implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni mill-QFP preċedenti. Dan wassal biex ikun hemm akkumulazzjoni sinifikanti ħafna ta' talbiet pendenti għall-pagament fi tmiem is-sena (EUR 24,7 biljun fi tmiem l-2014). Il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali previsti fir-Regolament QFP għenet biex jiġu mobilizzati approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali fl-2014. Il-pagamenti pendenti issa huma mistennija li jiġu eliminati sa tmiem l-2016.

L-assorbiment pendenti tal-akkumulu qed jiġi ffaċilitat minn tnedija aktar bil-mod milli mistenni tal-ġenerazzjoni ġdida ta' programmi ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, li tirriżulta f'marġnijiet kbar li jibqgħu disponibbli taħt il-limiti massimi tal-pagamenti fl-2016, u aktar u aktar fl-2017. Filwaqt li dan jippermetti temporanjament għal ħtiġijiet ġodda li jridu jiġu akkomodati mingħajr il-ħtieġa ta' kontributi addizzjonali minn baġits nazzjonali, huwa probabbli li twassal għal pressjonijiet sinifikanti fil-pagamenti lejn tmiem il-perjodu tal-QFP ladarba l-programmi ġodda jilhqgħu l-aqwa ritmu tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Il-qafas leġislattiv ġdid għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) miftiehem għall-perjodu 2014-2020 introduċa għadd ta' dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jtejb u l-effikaċja u l-valur miżjud Ewropew tal-fondi. Il-qafas leġislattiv il-ġdid b'mod partikolari jikkonċentra r-riżorsi fuq l-oġettivi nazzjonali, li f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jitraduċi l-oġettivi ewlenin tal-Ewropa 2020. Dan jistabbilixxi qafas ta' prestazzjoni bbażat fuq indikaturi u miri li jistgħu jitkejlu marbuta mar-rilaxx ta' riżerva ta' prestazzjoni u jintroduċi wkoll kundizzjonalitajiet *ex ante* u joħloq rabtiet aktar mill-qrib fil-governanza ekonomika tal-UE. Bħala riżultat, il-Fondi SIE se jkun qad jappoġġaw riformi strutturali f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE.

It-twaqqif ta' dawn l-elementi innovattivi jeħtieġ iż-żmien u r-riżorsi fil-fażi tal-bidu biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkun fis-seħħ għal infiq effettiv. Dan u l-adozzjoni tardiva tal-atti legali u l-introduzzjoni ta' regola ġenerali n+3 ta' impenji kkanċellati, li kunsiderevolment naqqset id-dixxiplina regolatorja fuq il-veloċità tal-implimentazzjoni kkontribwixxew għal dewmien fit-tnejja tal-programmi operazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri ffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-massimizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi 2007-2013 sabiex jiġi evitat telf potenzjali ta' allokkazzjonijiet.

Fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom għal impjegi u tkabbir, hija meħtieġa azzjoni urġenti biex tiġi mħaffa l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex ilestu l-proċess tan-nomina tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni tagħhom, jippreżentaw applikazzjonijiet għal proġetti ewlenin u jimplimentaw azzjonijiet li jagħmlu progress biex jissodisfaw kundizzjonalitajiet *ex ante* biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-proġetti. Se tkompli toffri appoġġ tekniku lill-Istati Membri bi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

Regoli aktar sempliċi u flessibbli, kif propost f'dan il-pakkett, jikkontribwixxu sabiex tithaffet l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE.

Biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni diffiċli ta' Stati Membri li sofrew l-aktar mill-kriżi, l-allokkazzjonijiet tal-koeżjoni tal-Istati Membri ġew riveduti f'Ġunju 2016 u, fejn xieraq, aġġustati għas-snin 2017-2020 fuq il-bażi tal-aktar dejta reċenti

disponibbli. Kif imħabbar fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2017¹⁹, il-Kummissjoni kienet involuta f'diskussjonijiet mal-Istati Membri li jibbenefikaw l-aktar mill-aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni bil-ħsieb li l-ammonti addizzjonali dwar miżuri biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni u l-qgħad fost iż-żgħażaġh u fuq l-investimenti permezz ta' strumenti finanzjarji u taħlita mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, b'kont meħud tal-ħtiġijiet u r-rilevanza ta' dawn il-prijoritajiet għal kull Stat Membru.

Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ

Bħala parti mill-QFP attwali, allokazżjoni speċifika ta' EUR 3,2 biljun (bl-istess ammont jiżdied mill-Fond Soċjali Ewropew) saret disponibbli biex tinħoloq inizjattiva dedikata favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI). Il-YEI tipprovdi appoġġ immirat lejn iż-żgħażaġh qiegħda li jgħixu f'reġjuni b'rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh oġhla minn 25 %. Il-YEI għaddiet minn dewmien sinifikanti fit-twaqqif tal-programmi, fin-nominazzjoni tal-awtoritajiet u fli jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet għall-pagamenti. Madankollu, issa li l-istrutturi huma fis-seħħ, l-ewwel evalwazzjonijiet juru²⁰ li tjiebu b'mod sinifikanti l-oportunitajiet għaż-żgħażaġh li rċevew appoġġ mill-YEI biex isibu impjieġ jew ikomplu jistudjaw wara. Sa issa, aktar minn 1,3 miljun żaġhżuġh diġà gawdew mill-YEI, li jmur lil hinn mill-istimi inizjali.

Minħabba livelli persistentement għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh f'ħafna reġjuni u l-ewwel riżultati inkoraġġanti murija, huwa propost li tiġi ssupplimentata l-allokazżjoni oriġinali tal-YEI b'EUR (1) biljun matul il-perjodu 2017 – 2020, biex tilħaq ammont totali ta' EUR 8 biljuni (b'EUR (1) biljun ta' finanzjament li għandu jiġi pprovdut mill-Fond Soċjali Ewropew).

Programmi ta' kompetittività

B'kuntrast ma' dewmien fil-politika ta' koeżjoni, il-programmi ta' kompetittività taħt ġestjoni diretta taħt l-intestatura 1A tal-QFP ("Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv"), bħal Orizzont 2020, CEF u COSME, esperjenzaw penetrazżjoni qawwija ħafna, b'sejħiet għal applikazzjoni li rriżultaw f'għadd ta' proġetti eliġibbli li ta' spiss jeċċedi l-baġit disponibbli b'mod sinifikanti. Dan huwa wkoll il-każ ta' Erasmus+, b'valur miżjud qawwi tal-UE f'attivitajiet ta' mobbiltà transnazzjonali tagħha, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-istudenti u inqas probabbiltà ta' qgħad.

Fuq il-bażi ta' din l-ewwel esperjenza, huwa propost li tiġi ssupplimentata l-allokazżjoni oriġinali ta' Orizzont 2020 b'EUR 0,4 biljun, CEF-Trasport b'EUR 0,4 biljun, Erasmus+ b'EUR 0,2 biljun u ta' COSME b'EUR 0,2 biljun matul il-perjodu 2017-2020 biex jissaħħaħ aktar l-appoġġ tal-UE għall-impjiegi u t-tkabbir.

¹⁹ Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2017 f'konformità mal-varjazzjonijiet tal-ING u mal-aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni skont l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, COM(2016) 311, 30.6.2016.

²⁰ Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u t-tħaddim tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ qed jiġi ffinalizzat (u li mistenni jiġi adottat f'Ottubru 2016).

Wara l-Komunikazzjoni li tistabbilixxi viżjoni Ewropea tal-konnettività tal-Internet għas-Suq Uniku Diġitali u sabiex tiġi promossa l-inklużjoni diġitali, l-Unjoni teħtieġ li tappoġġa l-ġoti ta' konnettività bla wajers lokali bla ħlas fiċ-ċentri tal-ħajja pubblika lokali permezz ta' appoġġ immirat. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni adottat il-proposta Wifi4EU, b'baġit totali propost ta' EUR 120 miljun, inkluż rinfurzar ta' EUR 50 miljun.

Il-Fond Ewropew għall-Investment Strateġiku (FEIS)

Biex jikkomplementa l-programmi eżistenti fi ħdan il-QFP għall-ixprunar tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, il-Kummissjoni pproponiet it-twaqqif ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) f'Novembru 2014 fil-qafas tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa. Il-FEIS, li l-bażi legali tiegħu kien maqbul mill-Parlament u l-Kunsill f'Ġunju 2015, diġà qed jagħti riżultati tanġibbli. EUR 115,7 biljun f'investment totali huwa mistenni li jkun immobilizzat madwar l-Unjoni. Dan jirrappreżenta aktar minn terz tal-oġġettiv kumplessiv ta' EUR 315-il biljun f'investimenti ġodda matul it-tliet snin. Il-FEIS kien ta' suċċess billi għabar flimkien finanzi addizzjonali sinifikanti (85 % tat-total tal-investment mobilizzat) minn investituri privati u pubbliċi. Il-programm kellu suċċess partikolari fl-iżgurar ta' aktar finanzjament għal negozji żgħar.

Fid-dawl ta' dan is-suċċess, il-Kummissjoni tipproponi li tissokta l-FEIS lil hinn mill-2017 u biex tirdoppja l-kapaċità ta' finanzjament tiegħu²¹.

Minħabba r-riżultati miksuba, il-Kummissjoni tippreżenta proposta leġislattiva biex testendi d-durata tal-FEIS sal-2020 b'mod parallel mal-Komunikazzjoni tiegħu dwar ir-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP. Din il-proposta tinkludi trasferiment minn strumenti finanzjarji tas-CEF lill-FEIS ta' EUR 500 miljun, trasferiment minn strumenti finanzjarji CEF għal għotjiet CEF ta' EUR 1 146 biljun²² li għandu jitħallat ma' finanzjament mill-FEIS jew ma' strumenti finanzjarji oħra dedikati għall-effiċjenza tal-enerġija, kif ukoll l-użu ta' EUR 150 miljun mill-marġni mhux allokat. Dan għandu jiżgura impatt massimu mill-fondi tal-UE, jiġi eliminat xogħol doppju u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn id-diversi għotjiet u strumenti finanzjarji kif ukoll ma' investituri privati. Ġeneralment, EUR 1,4 biljun f'mezzi finanzjarji addizzjonali ser ikunu disponibbli għal għotjiet għall-finanzjament tat-trasport CEF għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport għal networks prijoritarji fl-UE.

Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali

It-tweqqif baġitarju beda wkoll bil-mod taħt l-Intestatura 2 ("Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali"), minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-iskemi l-ġodda ta' pagament dirett kif ukoll il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). B'reazzjoni għall-projbizzjoni Russa fuq il-prodotti agrikoli tal-UE u żbilanċi fis-suq matul l-2014-2016, il-Kummissjoni adottat għadd ta' miżuri

²¹ COM(2016) 359 finali: L-Ewropa tinvesti mill-ġdid — Jingħata rendikont tal-pjan ta' investment għall-Ewropa u l-pass li jmiss.

²² Dan jinkludi trasferiment ta' strumenti finanzjarji ma' għotjiet ta' EUR (1) biljun tat-trasport CEF (minbarra ż-żieda ta' EUR 0,4 biljun minn dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu).


eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għall-produtturi tal-frott u l-ħaxix u tal-ħalib u f'setturi oħra tal-bhejjem li jammontaw għal total ta' EUR 1 664 miljun²³.

Il-migrazzjoni, il-kriżi tar-refuġjati u s-sigurtà

B'mod kritiku, l-implimentazzjoni tal-ewwel snin tal-QFP kienet ikkaratterizzata mill-ħtieġa urġenti biex jiġu indirizzati d-dimensjonijiet interni u esterni tal-kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati. Mill-adozzjoni tal-Aġendi Ewropej dwar il-Migrazzjoni²⁴ u s-Sigurtà²⁵, programmi taħt l-Intestatura 3 u l-Intestatura 4 ġew iffukati mill-ġdid u msaħħa sabiex tissaħħa l-azzjoni umanitarja u l-kapaċità ta' salvataġġ, biex jinbena aktar il-qafas legali u operazzjonali biex jiġu protetti l-fruntieri esterni tagħna, jgħinu lill-Istati Membri fl-integrazzjoni tar-refuġjati, u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni. Ġiet stabbilita bażi legali ġdida u mogħnija b'riżorsi ġodda, l-Istrument ta' Appoġġ ta' Emerġenza fl-Unjoni²⁶. Il-Kummissjoni hija impenjata li ttiprovdi għajjuna finanzjarja għal ħtiġijiet urġenti lill-Istati Membri li qed jaffaċċaw pressjoni kbira fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni rreaġixxiet malajr għad-deterjorament tas-sigurtà billi pproponiet leġislazzjoni u żiedet ir-riżorsi finanzjarji ddedikati biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' sigurtà. Jista' jkun hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali fil-futur, inkluż it-tisħiħ tar-riżorsi finanzjarji, jekk ikun meħtieġ.

Sabiex bejn wieħed u ieħor jirdoppja l-appoġġ inizjalment ipprogrammat għal aktar minn EUR 15-il biljun bejn l-2015 u l-2017, sensiela ta' miżuri ġew maqbula, inkluż il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali previsti fir-Regolament QFP. L-Istrument ta' Flessibilità u r-Riżerva għal Għajjuna ta' Emerġenza, b'mod partikolari, ippermetta żieda sostanzjali ta' programmi ta' nfiq ewlenin bħalma huma l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, minkejja l-limiti stretti ħafna għal impenji.



Biex jikber l-ingranaġġ ta' aċċessibilità tal-baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, huma jiġbru kontribuzzjonijiet addizzjonali minn sorsi differenti u

²³ Peress li dawn il-miżuri jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija permezz ta' riallokazzjonijiet u l-użu ta' dħul assenjat, l-użu tar-Riżerva Agrikola ma kinitx meħtieġa.

²⁴ COM(2015) 240 tat-13 ta' Mejju 2015

²⁵ COM(2015) 185, tat-28 ta' April 2015.

²⁶ ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1.

programmi u jikkoordinaw azzjonijiet, kienu stabbiliti għadd ta' Fondi Fiduċjarji esterni tal-Unjoni Ewropea u Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija. Il-funzjonament tagħhom għandu jiġi sorveljat b'attenzjoni²⁷, u l-proċeduri biex jitjieb l-iskrutinju demokratiku, it-trasparenza u l-leġittimità permezz ta' involviment f'waqtu mill-Parlament Ewropew huma inklużi fil-proposta biex jiġu ssimplifikati regoli finanzjarji, li takkumpanja dan ir-rieżami.

EUR 2,55 biljun huma meħtieġa biex jiffinanzjaw l-implikazzjonijiet baġitarji matul is-snin 2018-2020 tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u r-rinfurzar tal-EUROPOL kif ukoll il-proposti tal-Kummissjoni relatati ma' din l-Aġenzija tal-UE għall-Asil, ir-rieżami tar-Regolament ta' Dublin għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, l-appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni u sistema ta' dħul/ħruġ li għandha l-għan li tirreġistra dħul, ħruġ u ċaħda ta' dħul ta' dejta ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-UE.

Jekk dawn il-miżuri ma jkunux biżżejjed biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, għandhom ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali. Dan jista' jiġi ffinanzjat permezz tar-Riżerva ta' Kriżi tal-Unjoni Ewropea l-għdida ffinanzjata bl-użu mill-għdid ta' approprjazzjonijiet diżimpenjati.

Lil hinn mill-programmi eżistenti, il-Kummissjoni pproponiet Qafas ta' Sħubija ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni biex ikun żgurat approċċ koerenti fil-konfront ta' pajjiżi sħab u l-użu effiċjenti ta' sorsi differenti ta' finanzjament: Programmi QFP, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), il-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni Ewropea u faċilitajiet oħra. L-inizjattiva għandha l-għan li twaqqaf proċess koerenti u mfassal fejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod ikkoordinat u jiġbru flimkien strumenti, għodda u ingranaġġ sabiex jintlaħqu sħubijiet komprensivi (patti) ma' pajjiżi terzi sabiex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar b'rispett sħiħ għall-obbligi tagħna tad-drittijiet tal-bniedem u umanitarji.

Fit-terminu twil, l-UE għandha tkompli żżid l-isforzi tagħha sabiex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat u biex ttipprova l-bini tal-kapaċità lill-komunitajiet ospitanti u l-istituzzjonijiet rilevanti. Dan se jirrikjedi li terġa' tiġi kkunsidrata b'mod fundamentali l-iskala u n-natura tal-mudelli tradizzjonali ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Irid jingħata rwol ħafna ikbar lil investituri privati li qed ifittxu opportunitajiet ġodda ta' investiment fi swieq emerġenti. Il-Kummissjoni għalhekk tara l-bżonn għal Pjan ta' Investiment Estern ambizzjuż li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u jappoġġa s-sħab biex jimmaniġġaw il-konsegwenzi, filwaqt li tikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp oħra.

B'mod parallel mar-rieżami ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni qiegħda tressaq proposta għal Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) għdid li għandu jikkostitwixxi l-investiment pilastru tal-Pjan ta' Investiment Estern u se jgħaqqad il-faċilitajiet ta' taħlit eżistenti u Garanzija EFSD għdida għall-Iżvilupp Sostenibbli

Huwa propost li jiġi mmobilizzat EUR 750 miljun għall-proċess tal-qafas tas-Sħubija u EUR 250 miljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli.

²⁷ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dwar l-istat attwali.

L-instabbiltà makroekonomika u finanzjarja fil-viċinat tal-Unjoni, xprunata minn kriżijiet u kunflitti reġjonali riċenti, wasslet għal domanda li dejjem qed tiżdied għall-għajnuna makrofinanzjarja tal-UE (MFA) f'dawn l-aħħar snin. Impenji tal-AMF żdiedu minn EUR 1,5 biljun fil-perjodu 2000-2008 għal EUR 4,6 biljun mill-2009²⁸. Madankollu, id-daqs ta' operazzjonijiet potenzjali ta' AMF huwa limitat għal madwar EUR 500 miljun fis-sena minħabba l-mekkaniżmu ta' proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni taħt il-QFP attwali.

Minħabba li l-instabbiltà ġeopolitika u ekonomika tar-reġjun tippersisti, il-ħtiġijiet għal għajnuna makrofinanzjarja tal-UE x'aktarx se jibqgħu f'livell storikament għoli għas-snin li ġejjin, huwa propost li tiżdied il-kapaċità ta' self tal-AMF, minn EUR 0,5 biljun għal EUR 2 biljuni kull sena, billi żżid il-forniment tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni b'EUR 270 miljun matul is-snin finanzjarji 2019 u 2020.

Barra minn hekk, rieżami estern ta' nofs it-terminu tal-azzjonijiet esterni tal-BEI, garantit mill-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (il-“mandat għal self estern” - ELM) ikkonkluda li l-ELM għandu jiżdied għal EUR 30 biljun sabiex tiżdied l-kapaċità ta' self tiegħu. B'mod parallel, il-BEI ppropona inizjattiva ta' “Reżiljenza” għal li jiġi mmobilizzat b'mod rapidu finanzjament addizzjonali b'appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, l-infrastruttura vitali u l-koeżjoni soċjali fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-ELM b'EUR 5,3 biljun biex jilħaq total ta' EUR 32,3 biljun. Dan jirrikjedi li jiżdied il-Fond ta' Garanzija b'EUR 115 miljun matul il-perjodu 2018-2020.

Rieżami u analiżi aktar dettaljata

Il-QFP 2014-2020 huwa kkaratterizzat minn numru ta' innovazzjonijiet kwalitattivi li d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) jelabora, b'mod partikolari l-użu aktar sistematiku ta' strumenti finanzjarji bħala mezz biex jiġġenera riżorsi skarsi b'mod immirat u f'setturi fejn l-“attrazzjoni” ta' investiment privat hi partikolarment xierqa. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-Pjan ta' Investiment u l-EFSI. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jirrapporta wkoll dwar il-progress li sar lejn l-impenn politiku li jiġi dedikat mill-inqas 20 % tal-baġit tal-UE għal azzjoni dwar il-klima li diġà kiseb riżultati sinifikanti billi tinkoraġġixxi l-atturi kollha involuti fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali biex jinkorporaw kunsiderazzjonijiet klimatiċi fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom u l-ipprogrammar, għalkemm għad hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex jiġi żgurat li l-miri globali ta' 20 % tan-nefqa relatata mal-klima jistgħu jinżammu sal-2020. Ir-rieżamijiet ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-QFP ser jivvalutaw il-progress li sar fil-kisba tal-oġettiv ta' 20 % tal-infiq tal-UE. It-tisħiħ ukoll tal-programmi taħt l-Intestatura 1A jeħtieġ li pereżempju, jgħin Orizzont 2020 biex jilħaq il-mira ta' 35 % mistenni tar-rilevanza tal-klima. Barra minn hekk, il-proposta għall-estensjoni ta' FEIS 2 tiffissa mira minima għal proġetti relatati mal-klima.

Fl-aħħar nett, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni jirrapporta dwar kif il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej qed jintużaw biex jappoġġaw

²⁸ Ammonti ta' AMF disponibbli fil-kuntest tal-kriżi riċenti fl-Ukrajna waħidhom jammontaw għal EUR 3,4 biljun.

governanza ekonomika tajba u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż.

3. TISSAĦĦAĦ L-ENFASI TAL-BAĠIT U L-FLESSIBILTÀ BIEX JINKISBU PRIJORITAJIET U SFIDI ĠODDA

Il-valutazzjoni f'nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-QFP u l-ħidma li saret b'mod parallel taħt l-istrateġija għal Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati twassal lill-Kummissjoni biex tipproponi titjib ulterjuri bl-għan li tiffoka l-baġit fuq priyoritajiet ta' politika u sfidi ġodda; ittejjeb l-effiċjenza u l-flessibilità tagħha fl-immobilizzar u l-ġhoti ta' fondi biex tirrispondi għall-ħtiġijiet li kull ma jmur dejjem jevolvu; u turi riżultati billi tirfina s-sistemi tagħha ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni, il-kontabbiltà u r-riżultati.

Il-baġit jiffoka aktar fuq priyoritajiet ta' politika u sfidi ġodda

Kif muri fil-kapitolu preċedenti²⁹ mezzi addizzjonali konsiderevoli diġà ġew mobilizzati biex jirrispondu għall-isfidi l-ġodda permezz ta' riallokazzjonijiet u l-użu ta' marġnijiet u strumenti speċjali, u billi jimmobilizzaw finanzjament addizzjonali mill-Istati Membri permezz tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija u Fondi Fiduċjarji.

Sabiex jissaħħu jew jitkomplew programmi li urew domanda għolja u l-assorbiment effettiv tal-fondi skont il-prijorità mogħtija għal impjiegi u tkabbir u biex tinżamm reazzjoni Ewropea qawwija għall-isfidi l-ġodda marbuta mal-migrazzjoni u s-sigurtà fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni tipproponi li tuża aktar mezzi u tagħmel disponibbli ammont addizzjonali ta' EUR 6,3 biljun għall-kumplement tal-perjodu tal-QFP finanzjarju.

Flimkien mal-Abbozz tal-Baġit 2017 li jipproponi li jimmobilizza EUR 1,8 biljun minn marġnijiet mhux allokati u strumenti speċjali, prinċipalment għall-iskop tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u li qed jiġi propost li jiġu allokati EUR 4,6 biljun addizzjonali li jirriżultaw mill-aġġustament tekniku tal-politika ta' koeżjoni għall-pakketti ta' politika 2017-2020 biex jiġu sostnuti l-isforzi biex jiġġieldu kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-appoġġ tal-investiment permezz ta' strumenti finanzjarji u kkombinati mal-FEIS³⁰, il-proposti jikkostitwixxu pakkett finanzjarju ta' EUR 12,8 biljun.

Barra minn hekk, qed jiġu proposti għadd ta' żidiet permezz ta' skjeramenti mill-ġdid ta' fondi minn programmi eżistenti, pereżempju biex tiġi estiża l-għajjnuna tal-Unjoni pprovduta taħt l-Istrument li tikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi³¹.

It-titjib tal-flessibilità u l-aġilità tal-baġit għall-mobilizzazzjoni u l-ġhoti ta' fondi

L-inizjattivi proposti minn dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu jużaw il-marġni baġitarji disponibbli taħt il-QFP³². Il-kapaċità tal-baġit li jirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija sa tmiem il-perjodu tal-QFP għandha

²⁹ Valutazzjoni aktar dettaljata hija pprovduta fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja.

³⁰ Dawn l-ammonti addizzjonali jibbenefikaw l-aktar lill-Greċja, l-Italja u Spanja.

³¹ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż.

³² Madwar EUR 1,9 biljun jibqa' disponibbli matul il-perjodu 2017-2020.

konsegwentement tkun iktar limitata kif jixraq. Minħabba livell għoli ta' instabbiltà fil-viċinat tal-Unjoni u t-theddid ibridu li jirriżulta, il-Kummissjoni ttipponi li jiġi emendat ir-Regolament tal-QFP u – permezz ta' proposta biex jiġu ssimplifikati regoli finanzjarji — ir-Regolament Finanzjarju, sabiex jippermettu rispons aħjar tal-baġit meta jkunu kkonfrontati b'ċirkostanzi mhux previsti. Il-miżuri proposti jinkludu, b'mod partikolari, l-irduppar tad-daqs tal-istrument ta' flessibilità u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, it-tneħħija tal-limitazzjonijiet għall-Marġni Globali għall-Impenji u l-Marġni Globali għall-Pagamenti sabiex jippermetti l-użu sħiħ tal-limiti massimi tal-QFP attwali, Riżerva ta' Kriżi ġdida għall-Unjoni Ewropea, il-ħolqien ta' "riżerva ta' flessibilità" għal strumenti esterni³³, u l-ħolqien ta' Fondi Fiduċjarji wkoll għal politiki interni, li għandhom jiffaċilitaw soluzzjonijiet flessibbli biex jinġabru fondi mill-Istati Membri, pereżempju fil-qasam diġitali.

Sabiex jiġu onorati l-impenji tal-Unjoni u jippermettu li tittieħed azzjoni minnufih kull meta jkun meħtieġ, is-suffiċjenza ta' approprjazzjonijiet għall-pagamenti għandha tiġi żgurata tul il-ħajja kollha tal-QFP. Il-pagamenti attwali ta' nofs it-terminu jipprevedu, fil-verità, li l-limitu massimu globali ta' pagament għandu jkun biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' pagament tal-QFP attwali u tal-inizjattivi proposti f'dan ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu - bil-kundizzjoni li pagamenti relatati ma' strumenti speċjali huma disponibbli "lil hinn" mil-limiti massimi tal-QFP.

Regoli aktar sempliċi u aktar orjentazzjoni lejn prestazzjoni

Regoli finanzjarji iktar sempliċi u flessibbli għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE huma wkoll kruċjali biex tissaħħaħ l-abbiltà tal-baġit tal-UE biex jadatta għal ċirkostanzi li qed jinbidlu u għal rispons għal żviluppi mhux mistennija, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' kontroll finanzjarju. Sar progress konsiderevoli biex jiġu ssimplifikati r-regoli għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE. Madankollu, l-esperjenza miksuba mill-2014 u l-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti Indipendenti dwar is-Simplifikazzjoni tal-Monitoraġġ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej tindika li hemm lok għal aktar simplifikazzjoni, fatt li huwa kkonfermat ukoll mill-feedback tal-partijiet ikkonċernati.

Bħala parti integrali ta' rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu ssimplifikati regoli finanzjarji tfittex f'att wieħed reviżjoni ambizzjuża tar-regoli finanzjarji ġenerali flimkien ma' tibdil korrispondenti għar-regoli finanzjarji settorjali stabbiliti f'15-il att leġislativ dwar programmi pluriennali. L-inklużjoni ta' bidliet settorjali fi proposta leġislativa unika għandha l-għan li tiżgura approċċ koerenti u effiċjenti tal-proċess ta' adozzjoni.

Kaxxa 1: L-oġettivi tar-reviżjoni proposta tar-regoli finanzjarji:

- Is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji tal-fondi tal-UE;
- Minn saffi multipli ta' kontrolli għal dipendenza reċiproka fuq il-verifika, il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti ta' rappurtar;

³³ Kull strument estern ġeografiku għandu jżomm riżerva mhux allokata ta' 10 % kull sena, bil-possibbiltà li l-ammonti ta' dik ir-riżerva li ma jintużawx f'dik is-sena partikolari jiġu riportati għas-sena ta' wara.

- Li tippermetti l-applikazzjoni ta' sett wieħed biss ta' regoli għal azzjonijiet ibridi jew fil-każ ta' taħlita ta' miżuri jew strumenti;
- Użu aktar effettiv ta' strumenti finanzjarji;
- Ġestjoni baġitarja iktar flessibbli;
- Enfasi fuq ir-riżultati u s-simplifikar ta' rappurtar.
- Amministrazzjoni tal-UE aktar sempliċi u aktar effiċjenti;
- L-involviment taċ-ċittadini.

Regoli finanzjarji iktar sempliċi u flessibbli se jikkontribwixxu biex jiġu ottimizzati l-infiq u l-impatt tal-QFP 2014-2020, filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE kif ukoll ir-rata ta' erruri. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fiż-żmien tal-għeluq tal-programmi, meta l-miżuri korrettivi kollha jkunu ġew implimentati, l-ammont f'riskju stmat jirrappreżenta bejn 0,8 % u 1,3 % tan-nefqa totali. Dan juri li, diġà llum, is-sistemi pluriennali jipproteġu b'mod adegwat il-baġit tal-UE minn nefqa bi ksur tal-liġi. Is-simplifikazzjoni ulterjuri proposta biħsiebha tikseb aktar titjib f'dan il-qasam.

4. LEJN IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

Il-proposti mibgħuta flimkien ma' dan ir-rieżami għandhom l-għan li jipprovdu mezzi addizzjonali sabiex l-Unjoni tindirizza l-prijoritajiet tagħha għall-impjiegi u t-tkabbir u l-migrazzjoni u s-sigurtà, l-iżgurar tas-suffiċjenza tal-pagamenti massimi u kapaċità b'saħħitha għall-baġit sabiex jirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti, u l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom. Dawn għandhom jippermettu għal aktar modernizzazzjoni konsiderevoli tal-baġit tal-UE, li jwittu t-triq għal bidliet aktar ambizzjużi fil-QFP li jmiss.

Il-Kummissjoni hija mistennija tressaq proposta dwar il-QFP li jmiss sa tmiem l-2017. Din il-proposta se tkun iggwidata mill-inizjattiva BFOR u tirrifletti l-isfidi tal-ġejjieni u l-ħtiġijiet tal-Unjoni għal wara l-2020, li tevalwa kemm l-effikaċja ta' approċċi eżistenti f'oqsma bħalma huma l-politika ta' koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni u l-istrumenti ta' azzjoni esterna; u l-potenzjal biex il-baġit tal-UE jikkontribwixxi f'oqsma ġodda, bħal pereżempju t-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa, wara l-pjan direzzjonali fir-rapport tal-Fames Presidenti, u fid-difiża u s-sigurtà.

Din se tkun ukoll opportunità biex jerġgħu jitqiesu l-istruttura, il-finanzjament u d-durata tal-baġit biex jiġi żgurat li jimmassimizzaw il-kapaċità tagħha biex jiġu appoġġati l-oġettivi politiċi tal-Ewropa.

Hemm kunsens dejjem akbar li l-immodernizzar tal-baġit tal-UE jeħtieġ *rimforma koerenti kemm min-naħa tan-nefqa u l-iffinanzjar tiegħu*. Il-baġit tal-UE huwa wisq ta' spiss meqjus bħala fattur ta' spiża għall-kontijiet nazzjonali, fejn il-potenzjal tiegħu li jaqsam ir-riżorsi bl-aktar mod kosteffettiv huwa sottovalutat. Il-Kummissjoni qed tistenna b'interess għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell

Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji li se jipprovdi kontribut importanti għat-tħejjija tal-proposti tiegħu għall-QFP li jmiss.

Id-*durata* ta' żmien attwali ta' seba' snin mhijiex sinkronizzata ma' dik ta' ħames snin tal-mandat tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni. L-isfida hija kif jistgħu jiġu rrikonċiljati r-rekwiżiti u ż-żmien meħtieġ għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, b'mod partikolari dawk taħt ġestjoni kondiviża, mad-durata tal-QFP.

Is-sejbien tal-aħjar bilanċ bejn il-prevedibbiltà għall-perjodu medju u l-*flessibbiltà* biex ikun hemm reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti ser ikun essenzjali. Fil-QFP attwali, madwar 80 % tal-baġit tal-UE jiġi allokat minn qabel, li jillimita r-*reattività* tal-baġit għall-ħtiġijiet li dejjem qed jevolvu. It-twaqqif ta' riżervi li jistgħu jiġu mmobilizzati malajr fi ħdan u fost il-programmi ewlenin tal-Unjoni għandu jiġi eżaminati mill-ġdid.

Barra minn hekk, skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-2013 il-Kummissjoni se tanalizza bir-reqqa t-triq 'il quddiem għall-*baġitazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp* billi tqis iċ-ċirkostanzi u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż (i) it-tfassil ġenerali u l-istruttura tal-istrumenti ta' azzjoni esterna ta' wara l-2020; (ii) in-natura tas-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku wara l-iskadenza tal-Ftehim ta' Cotonou fl-2020; u (iii) il-lezzjonijiet li ttieħdu mill-evalwazzjonijiet tal-azzjoni preċedenti, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt ta' bosta arranġamenti.

Aspett ewlieni ieħor tar-riflessjoni ser ikun dwar kif il-fondi tal-UE jistgħu jintużaw bl-akbar effett biex jagħmlu l-aħjar użu minn kull euro disponibbli, billi wieħed jibni fuq uħud mill-innovazzjonijiet tal-QFP attwali, inkluż:

- **Kondizzjonalità:** Anki ammont żgħir ta' flus jista' jkollu impatt sinifikanti billi jagħmel il-finanzjament kundizzjonali fuq il-bidliet fit-tfassil tal-politika nazzjonali: ir-rabta bejn il-fondi tal-UE u l-governanza ekonomika teħtieġ attenzjoni mill-ġdid fil-kuntest tal-QFP li jmiss, abbażi tal-valutazzjoni tal-progress li saret skont id-dispożizzjonijiet attwali.
- **Ingranaġġ u sinerġiji:** Fil-QFP attwali, il-baġit tal-UE żdied b'aktar mid-doppju l-kapaċità tiegħu li jikseb aktar fondi pubbliċi u privati, permezz ta' strumenti finanzjarji, il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u strumenti oħra ġodda bħal fondi fiduċjarji. Se jkun kruċjali li din il-kapaċità tkompli tespandi, filwaqt li tibni wkoll fuq il-possibbiltà proposta għall-ħolqien ta' obbligazzjonijiet kontinġenti lil hinn mill-assi pprovduti u l-ħolqien ta' fond ta' garanzija uniku li se jiċċentralizza garanziji fil-proposta għal Regolament Finanzjarju rivedut. Barra minn hekk, it-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'oqsma fejn l-ekonomiji ta' skala u/jew esternalitajiet huma sinifikanti se jkun essenzjali, speċjalment fejn il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE saret aktar importanti, eż. dwar is-sigurtà u d-difiża.
- **Simplifikazzjoni:** Għandha tingħata ħarsa mill-ġdid lejn ir-rekwiżiti għal programmi taħt ġestjoni kondiviża minħabba d-dewmien li kien hemm għal darb'oħra fl-implimentazzjoni tagħhom.

Matul il-proċess tal-iżvilupp ta' dawn il-proposti, il-Kummissjoni se tisma' b'attenzjoni l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-partijiet interessati.

Anness Finanzjarju

Il-proposti ta' Rieżami ta' Nofs it-Terminu	EUR miljuni (fi prezzijiet attwali)
Intestatura 1A: • Orizzont 2020 • CEF-Trasport • Erasmus+ • COSME • Estensjoni tal-FEIS • WIFI4EU	1 400 • 400 • 400 • 200 • 200 • 150 • 50
Intestatura 1B: • Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ	1 000 • 1000
Intestatura 3: Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-EURPOL, l-Aġenzija tal-UE għall-Asil, is-sistema komuni għall-asil ta' Dublin, l-Appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni, is-sistema ta' Dħul/Ħruġ	2 549
Intestatura 4: • Proċess ta' qafas ta' sħubija • Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli • Assistenza makrofinanzjarja • Mandat għal Self Estern	1 385 • 750 • 250 • 270 • 115
TOTAL	6 334
Abbozz tal-Baġit 2017 • Infiq addizzjonali għall-migrazzjoni (minn strumenti speċjali u marġnijiet)	1 822
Aġġustament Tekniku tal-pakketti tal-politika tal-koeżjoni • Biex jiġu sostnuti l-isforzi għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-integrazzjoni tar-refuġjati u l-appoġġ għall-investiment permezz ta' strumenti finanzjarji u kkombinati mal-FEIS	4 642
TOTAL Pakkett ta' Rieżami ta' Nofs it-Terminu	12 798